IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2022
COM(2022) 462 final

2022/0280 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 323 final} - {SWD(2022) 288 final} - {SWD(2022) 289 final} - {SWD(2022) 290 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Is-Suq Uniku huwa wieħed mill-akbar assi tal-UE u jipprovdi s-sinsla għat-tkabbir ekonomiku u għall-benesseri tal-UE. Kriżijiet reċenti, bħall-pandemija tal-COVID-19 jew l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, urew xi vulnerabbiltà tas-Suq Uniku u tal-ktajjen tal-provvista tiegħu f'każ ta' tfixkil mhux previst u, fl-istess ħin, kemm l-ekonomija Ewropea kif ukoll il-partijiet ikkonċernati kollha tagħha jiddependu minn Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb. Fil-futur, minbarra l-instabbiltà ġeopolitika, it-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali li jirriżultaw, it-telfien tal-bijodiversità, u l-instabbiltà ekonomika globali jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza ġodda oħrajn. Għal din ir-raġuni, il-funzjonament tas-Suq Uniku jeħtieġ li jiġi ggarantit fi żminijiet ta' emerġenza.

L-impatt ta' kriżi fuq is-Suq Uniku jista' jkun doppju. Minn naħa waħda, kriżi tista' twassal biex jitfaċċaw ostakli għall-moviment liberu fi ħdan is-Suq Uniku, u b'hekk tfixkel il-funzjonament tiegħu. Min-naħa l-oħra, kriżi tista' tamplifika n-nuqqasijiet ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi jekk is-Suq Uniku jkun frammentat u ma jkunx qiegħed jiffunzjona. B'riżultat ta' dan, il-ktajjen tal-provvista jistgħu jiġu interrotti malajr, il-kumpaniji jiffaċċjaw diffikultajiet fl-akkwist, fil-provvista jew fil-bejgħ ta' oġġetti u servizzi. L-aċċess tal-konsumatur għall-prodotti u s-servizzi ewlenin jiġi mfixkel. In-nuqqas ta' informazzjoni u ċarezza legali jkompli jaggrava l-impatt ta' dan it-tfixkil. Minbarra r-riskji diretti tas-soċjetà kkawżati mill-kriżi, iċ-ċittadini, u b'mod partikolari l-gruppi vulnerabbli, qegħdin jiffaċċjaw impatti ekonomiċi negattivi qawwija. Għalhekk, il-proposta għandha l-għan li tindirizza żewġ problemi separati iżda relatati ma' xulxin: l-ostakli għall-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni fi żminijiet ta' kriżi u ta' nuqqasijiet ta' oġġetti u ta' servizzi rilevanti għall-kriżijiet.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kollha u ma' strumenti eżistenti oħrajn tal-UE għall-kriżijiet, il-pakkett dwar l-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku (SMEI) se jipprovdi struttura ta' governanza flessibbli b'saħħitha kif ukoll sett ta' għodod immirat biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku fi kwalunkwe tip ta' kriżi futura. X'aktarx li mhux l-għodod kollha inklużi f'din il-proposta se jkunu meħtieġa simultanjament. L-għan huwa pjuttost li l-UE tħejji ruħha għall-futur u tiġi mgħammra b'dak li jista' jirriżulta li jkun neċessarju f'sitwazzjoni ta' kriżi partikolari li taffettwa b'mod serju s-Suq Uniku.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru 2020[1], il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-UE se tieħu t-tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 u se tindirizza l-frammentazzjoni, l-ostakli u d-dgħufijiet li jifdal tas-Suq Uniku meta tiffaċċja sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fl-Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija Industrijali[2], il-Kummissjoni ħabbret strument biex tiżgura l-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti u tas-servizzi, kif ukoll trasparenza u koordinazzjoni akbar fi żminijiet ta' kriżi. L-inizjattiva hija parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022[3]. Il-Parlament Ewropew laqa' l-pjan tal-Kummissjoni li tippreżenta Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku u talab lill-Kummissjoni biex

1 https://www.consilium.europa.eu/media/45910/021020-euco-final-conclusions.pdf.
2 COM(2021)350 final.
3 https://ec.europa.eu/info/publications/2022-commission-work-programme-key-documents_mt.

tiżviluppah bħala għodda strutturali legalment vinkolanti biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti u tas-servizzi f'każ ta' kriżijiet futuri[4].

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Għadd ta' strumenti legali tal-UE jistabbilixxu dispożizzjonijiet li huma rilevanti għall-immaniġġar tal-kriżijiet b'mod ġenerali. Min-naħa l-oħra, ċerti oqfsa tal-UE u proposti tal-Kummissjoni adottati reċentement jistabbilixxu miżuri aktar immirati li jiffukaw fuq ċerti aspetti tal-immaniġġar tal-kriżi jew li huma rilevanti għal setturi speċifiċi. L-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku se japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet imressqa minn dawn l-istrumenti mmirati għall-immaniġġar tal-kriżi, li għandhom jitqiesu bħala *lex specialis*. Is-servizzi finanzjarji, il-prodotti mediċinali, l-apparat mediku jew kontromiżuri mediċi oħrajn u l-prodotti tas-sikurezza tal-ikel b'mod partikolari huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva minħabba l-eżistenza ta' qafas iddedikat rilevanti għall-kriżi f'dawn l-oqsma.

Interazzjoni ma' mekkaniżmi orizzontali ta' rispons għall-kriżi

L-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR)[5] huma fost il-mekkaniżmi orizzontali ta' rispons għall-kriżijiet[6]. Il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE tuża l-IPCR biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni politika fost l-Istati Membri fir-rispons għal kriżijiet kumplessi. L-IPCR skrutinizza għall-ewwel darba f'Ottubru 2015 il-kriżi tar-refuġjati u tal-migrazzjoni u kien strumentali fil-monitoraġġ u fl-appoġġ għar-rispons tal-kriżi, filwaqt li jirrapporta lill-Coreper, lill-Kunsill u lill-Kunsill Ewropew. L-IPCR opera r-rispons tal-Unjoni għall-kriżijiet maġġuri kkawżati minn attakki ċibernetiċi, diżastri naturali, jew theddid ibridu. Aktar reċentement, l-IPCR opera wkoll wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-aggressjoni brutali Russa fuq l-Ukrajna.

Mekkaniżmu ieħor tal-UE għar-rispons ġenerali għall-kriżijiet huwa l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) tiegħu[7]. L-ERCC huwa hub operazzjonali ċentrali tal-Kummissjoni miftuħ 24 siegħa kuljum għall-ewwel rispons ta' emerġenza, l-istabbiliment ta' ħażniet strateġiċi fil-livell tal-UE għal rispons ta' emerġenza ("rescEU"), valutazzjonijiet tar-riskju ta' diżastri, il-bini ta' xenarji, l-għanijiet ta' reżiljenza għad-diżastri, ħarsa ġenerali madwar l-UE lejn ir-riskji ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, miżuri oħrajn ta' prevenzjoni u tħejjija, bħat-taħriġ u l-eżerċizzji.

Interazzjoni ma' mekkaniżmi orizzontali tas-Suq Uniku

Meta jkun xieraq u neċessarju, jenħtieġ li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku u l-attivitajiet tat-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET). B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tirreferi l-ostakli nnotifikati li jfixklu b'mod sinifikanti l-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi strateġiċi lit-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET) għad-diskussjoni/għar-rieżami.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Interazzjoni ma' miżuri mmirati lejn aspetti speċifiċi tal-immaniġġar tal-kriżijiet

---

4 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 dwar l-indirizzar ta' ostakli mhux tariffarji u mhux fiskali fis-suq uniku (2021/2043(INI).

5 https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/ipcr-response-to-crises/.

6 Dan ġie stabbilit formalment bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar ir-Rispons Politiku Integrat tal-UE f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, abbażi ta' arranġamenti li kienu jeżistu qabel.

7 Stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 1313/2013 li tirregola l-funzjonament tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Il-mekkaniżmi orizzontali ta' rispons għall-kriżijiet imsemmija hawn fuq huma ssupplimentati minn miżuri oħrajn aktar immirati, li jiffukaw fuq aspetti speċifiċi tas-Suq Uniku bħall-moviment liberu tal-oġġetti, u r-regoli komuni dwar l-esportazzjonijiet jew l-akkwist pubbliku.

Tali qafas huwa r-Regolament (KE) Nru 2679/98 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-moviment liberu tal-oġġetti attribwibbli għal Stat Membru li jwasslu għal tfixkil serju u li jirrikjedu azzjoni immedjata ("Ir-Regolament dwar il-Frawli")[8]. Dan ir-Regolament jipprevedi mekkaniżmu ta' notifika kif ukoll sistema ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. (Ara t-taqsimiet 8.1 u 8.2 għal aktar dettalji.)

Ir-Regolament dwar ir-regoli komuni għall-esportazzjonijiet[9] jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel ċerti kategoriji ta' prodotti soġġetti għal sorveljanza tal-esportazzjoni barra mill-UE jew għal awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni barra mill-UE. Il-Kummissjoni kienet qiegħda tagħmel ċerti vaċċini u sustanzi attivi użati għall-manifattura ta' tali vaċċini soġġetti għas-sorveljanza tal-esportazzjoni[10] fuq din il-bażi.

Miżuri ekonomiċi oħrajn jinkludu l-proċedura nnegozjata u l-akkwist konġunt okkażjonali mill-Kummissjoni f'isem l-Istati Membri[11].

Interazzjoni ma' miżuri ta' kriżi speċifiċi għas-settur

Ċerti oqfsa tal-UE jistabbilixxu miżuri aktar immirati li jiffukaw biss fuq ċerti aspetti speċifiċi tal-immaniġġar tal-kriżijiet jew li jikkonċernaw biss ċerti setturi speċifiċi.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari"[12] tislet tagħlimiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID-19 u kriżijiet preċedenti bl-objettiv li żżid il-koordinazzjoni u l-immaniġġar tal-kriżijiet inkluża t-tħejjija. Għal dan il-għan, il-pjan ta' kontinġenza jressaq prinċipji ewlenin li għandhom jiġu segwiti biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fil-każ ta' kriżijiet futuri. Biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza u l-prinċipji ewlenin fih, il-Kummissjoni b'mod parallel stabbiliet il-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM), grupp magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ta' pajjiżi mhux tal-UE kif ukoll minn partijiet ikkonċernati fil-katina tal-provvista tal-ikel ippresedut mill-Kummissjoni biex jissaħħu l-koordinazzjoni, l-iskambju tad-*data* u l-prattiki. L-EFSCM tlaqqa' għall-ewwel darba f'Marzu 2022 biex jiġu diskussi l-impatti taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-input u l-konsegwenzi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja għas-sigurtà u l-provvista tal-ikel. L-osservatorji tas-suq u l-gruppi ta' djalogu ċivili huma fora oħrajn li jiżguraw it-trasparenza u l-fluss ta' informazzjoni fis-settur tal-ikel.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' kontinġenza għat-trasport"[13] għandha l-objettiv li tiżgura t-tħejjija għall-kriżijiet u l-kontinwità tan-negozju fis-settur tat-trasport. Il-pjan jistabbilixxi "manwal għall-kriżijiet" li fih sett ta' għodod li jikkonsisti minn għaxar azzjonijiet bil-għan li jimmitigaw kwalunkwe impatt negattiv fuq is-settur tat-trasport, fuq il-passiġġieri u fuq is-suq intern jekk tinqala' xi kriżi. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, miżuri li jagħmlu l-liġijiet tal-UE dwar it-trasport adatti għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-iżgurar ta'

---

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri, *ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8.*

9 Ir-Regolament (UE) Nru 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015.

10 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2071 tal-25 ta' Novembru 2021.

11 Dawn jistgħu jiġu adottati abbażi tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE.

12 COM(2021)689 final.

13 COM(2022)211 final.

appoġġ adegwat għas-settur tat-trasport, l-iżgurar tal-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-trasport, l-ittestjar tal-kontinġenza tat-trasport f'sitwazzjonijiet tal-ħajja reali eċċ[14].

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli[15] (ir-Regolament dwar l-OKS) kif ukoll ir-Regolament relatat dwar l-OKS għas-sajd[16] jipprovdu l-bażi legali għall-ġbir ta' informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri biex tittejjeb it-trasparenza tas-suq[17].

Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1139 1308/2013 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura[18] (ir-Regolament FEMSA) jipprovdi l-bażi legali għall-appoġġ tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura f'każ ta' avvenimenti eċċezzjonali li jikkawżaw tfixkil sinifikanti fis-swieq.

Ir-Regolament (UE) 2021/953 li jistabbilixxi ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE[19] jistabbilixxi qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli għat-tilqim, għall-ittestjar jew għaċ-ċertifikati tal-fejqan tal-COVID-19 sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom matul il-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19[20]. Fir-rapport tal-2020 dwar iċ-ċittadinanza[21], il-Kummissjoni ħabbret ukoll li beħsiebha tirrieżamina l-linji gwida tal-2009 dwar il-moviment liberu sabiex ittejjeb iċ-ċertezza legali għaċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu, u li tiżgura applikazzjoni aktar effettiva u uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar il-moviment liberu madwar l-UE. Il-linji gwida rieżaminati jenħtieġ li jindirizzaw fost l-oħrajn l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi dwar il-moviment liberu, speċifikament dawk li huma dovuti għal tħassib dwar is-saħħa pubblika.

Ir-Regolament (UE) 2022/123 dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija u l-immaniġġar tal-kriżijiet għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi jipprovdi qafas għall-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tan-nuqqasijiet potenzjali u reali ta' prodotti mediċinali awtorizzati ċentralment u nazzjonalment għall-użu mill-bniedem ikkunsidrati bħala kritiċi biex tiġi indirizzata "emerġenza tas-saħħa pubblika" jew "avveniment maġġuri" partikolari [22].

---

[14] Miżuri addizzjonali jinkludu: il-ġestjoni tal-flussi tar-refuġjati u r-ripatrijazzjoni ta' passiġġieri li jitħallew l-art u ta' ħaddiema tat-trasport, l-iżgurar ta' konnettività minima u l-protezzjoni tal-passiġġieri, it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-trasport permezz tan-Network ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għat-Trasport, it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà u l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali.

[15]

[16]

[17]

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 *ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.*

[19] Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19, *ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.*

[20] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, *ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3 u l-aġġornamenti sussegwenti tagħha.*

[21] COM(2020)730 final.

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 2022/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2022 dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi. *ĠU L 20, 31.1.2022, p.1*

Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2021 stabbiliet l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa[23] għal azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni biex tirrispondi għal emerġenzi tas-saħħa, inklużi l-monitoraġġ tal-ħtiġijiet, l-iżvilupp rapidu, il-manifattura, l-akkwist u d-distribuzzjoni ekwa tal-kontromiżuri mediċi.

Interazzjoni ma' inizjattivi li għaddejjin

B'mod parallel, għadd ta' inizjattivi, li dan l-aħħar ġew proposti u li bħalissa qegħdin jiġu diskussi, jikkonċernaw aspetti rilevanti għar-rispons għall-kriżijiet u t-tħejjija għalihom. Madankollu, dawn l-inizjattivi għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat li jkopri tipi speċifiċi ta' xenarji ta' kriżi u ma humiex maħsuba biex jistabbilixxu qafas orizzontali ġenerali għall-immaniġġar tal-kriżijiet, lanqas biex jintroduċu proċeduri ta' emerġenza fil-qafas settorjali rilevanti tal-Unjoni li jirregola d-disinn, il-valutazzjoni tal-konformità, l-introduzzjoni fis-suq u s-sorveljanza tas-suq għall-oġġetti. Sa fejn dawn l-inizjattivi jinkludu qafas settorjali ta' rispons u tħejjija għall-kriżi, li l-oqfsa settorjali kkunsidrati fil-kuntest ta' din l-inizjattiva, li jistabbilixxu r-regoli armonizzati fil-livell tal-Unjoni għat-tfassil, il-valutazzjoni tal-konformità, l-introduzzjoni fis-suq u s-sorveljanza tas-suq tal-oġġetti huma oqfsa ta' armonizzazzjoni massima, mhu se jkun hemm l-ebda trikkib ma' kwalunkwe inizjattiva li għaddejja bħalissa.

L-ebda waħda mill-inizjattivi rilevanti li għaddejjin bħalissa ma tistabbilixxi xi proċedura settorjali ta' emerġenza, li għandha tiġi inkorporata fl-oqfsa settorjali armonizzati rilevanti li jirregolaw il-moviment liberu tal-oġġetti.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa, li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (id-"Deċiżjoni dwar it-Theddid Transkonfinali għas-Saħħa")[24] għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas tal-UE għas-sigurtà tas-saħħa, u ssaħħaħ ir-rwol tat-tħejjija għall-kriżi u r-rispons għalihom tal-aġenziji ewlenin tal-UE fir-rigward ta' theddid transfruntier serju għas-saħħa[25]. Meta tiġi adottata, se ssaħħaħ l-ippjanar tat-tħejjija u tar-rispons u se ssaħħaħ is-sorveljanza u l-monitoraġġ epidemjoloġiċi, ittejjeb ir-rapportar tad-*data*, filwaqt li ssaħħaħ l-interventi tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard[26].

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar qafas ta' miżuri għall-iżgurar tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni[27] tipprevedi għodod ta' rispons għall-kriżi bħall-akkwist konġunt, talbiet obbligatorji ta' informazzjoni għan-negozji dwar il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom, u l-adattament mill-ġdid tal-linji ta' produzzjoni f'każ ta' kriżijiet tas-saħħa pubblika ladarba tiġi ddikjarata emerġenza tas-saħħa pubblika. Id-dikjarazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza tal-UE twassal għal aktar koordinazzjoni u tippermetti l-iżvilupp, il-ħażna u l-akkwist ta' prodotti rilevanti għall-kriżi. Il-proposta tkopri kontromiżuri mediċi definiti bħala prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, apparat mediku u oġġetti jew servizzi oħrajn li huma neċessarji għall-fini ta' tħejjija u rispons għal theddid transfruntier serju għas-saħħa.

---

23 C(2021)6712 final.

24 COM(2020)727 final.

25 It-terminu "transfruntier" huwa mifhum li jkopri kemm kwalunkwe sitwazzjoni li taffettwa aktar minn Stat Membru wieħed ("bejn il-fruntieri") kif ukoll b'mod aktar speċifiku, sitwazzjoni li taffettwa reġjuni f'żewġ Stati Membri jew aktar li jikkondividu fruntiera komuni ("reġjuni tal-fruntieri").

26 COM/2020/726 final

27 COM(2021)577 final.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep[28] għandha l-għan li ssaħħaħ l-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi. Pilastru importanti ta' din l-istrateġija huwa li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ ikkoordinat u r-rispons għan-nuqqasijiet fil-provvista tas-semikondutturi, bil-għan li jiġi antiċipat u jkun hemm rispons rapidu għal kwalunkwe tfixkil futur fil-katina tal-provvista, permezz ta' sett ta' għodod ta' emerġenza apposta, flimkien mal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali. Il-mekkaniżmu ppjanat huwa speċifiku għal kriżi possibbli tas-semikondutturi u se japplika b'mod esklużiv jekk tiġi skattata l-faži ta' kriżi.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar id-*Data*[29] se tippermetti lill-korpi tas-settur pubbliku jaċċessaw id-*data* miżmuma mis-settur privat li hija neċessarja għal ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari biex jimplimentaw mandat legali jekk id-*data* ma tkunx disponibbli b'mod ieħor jew f'każ ta' emerġenza pubblika (jiġifieri sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, Stat Membru jew parti minnu, b'riskju ta' riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti).

Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[30] għandha l-għan li tipprovdi rispons komuni fil-fruntieri interni f'sitwazzjonijiet ta' theddid li jaffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri. L-emenda proposta se tistabbilixxi wkoll salvagwardji proċedurali fil-każ ta' introduzzjonijiet mill-ġdid unilaterali ta' kontrolli fil-fruntieri interni u tipprevedi l-applikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u salvagwardji speċifiċi għar-reġjuni transfruntiera f'każijiet li fihom il-kontrolli fil-fruntieri interni jiġu introdotti mill-ġdid. Tali kontrolli jaffettwaw b'mod partikolari lill-persuni li jaqsmu l-fruntiera għall-ħajja ta' kuljum tagħhom (xogħol, edukazzjoni, kura tas-saħħa, żjarat tal-familja) kif intwera matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-proposta tippromwovi użu akbar ta' miżuri alternattivi effettivi biex jiġi indirizzat it-theddid identifikat għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika minflok il-kontrolli fil-fruntieri interni, pereżempju aktar kontrolli mill-pulizija jew minn awtoritajiet oħrajn fir-reġjuni tal-fruntiera, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Il-proposta tinkludi wkoll il-possibbiltà li l-Kunsill jadotta malajr regoli vinkolanti li jistabbilixxu restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni f'każ ta' theddida għas-saħħa pubblika. Din tiċċara wkoll liema miżuri jistgħu jieħdu l-Istati Membri biex jimmaniġġaw il-fruntieri esterni tal-UE b'mod effettiv f'sitwazzjoni li fihom il-migranti jiġu strumentalizzati minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

Il-proposta għal Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020[31] għandha l-objettiv li ttejjeb ir-reżiljenza tal-entitajiet li jipprovdu servizzi li huma essenzjali għaż-żamma tal-funzjonijiet tas-soċjetà vitali jew attivitajiet ekonomiċi importanti tal-UE. B'din l-inizjattiva, l-għan huwa li jinħoloq qafas komprensiv biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar li l-entitajiet kritiċi li jipprovdu servizzi essenzjali jkunu jistgħu jipprevjenu inċidenti ta' tfixkil sinifikanti bħal perikli naturali, aċċidenti jew terroriżmu, jipproteġuna minnhom, jirrispondu għalihom, jirreżistuhom, jimmitigawhom, jassorbuhom, jadattaw għalihom u jirkupraw minnhom. Id-Direttiva se tkopri ħdax-il settur ewlieni, inklużi l-enerġija, it-trasport, is-settur bankarju u s-saħħa.

Il-Komunikazzjoni konġunta tat-18 ta' Mejju 2022 dwar l-l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur, identifikat diversi kwistjonijiet inkluż il-kapaċità

[28] COM(2022)46 final.
[29] COM (2022)68 final.
[30] COM(2021)891 final.
[31] COM(2020)829 final.

tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża tal-UE (kif ukoll il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Globali) biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' akkwist li jmiss fil-qasam tad-difiża tal-Istati Membri, u t-tressiq ta' diversi miżuri.

Fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, il-Kummissjoni beħsiebha teżamina l-mistoqsijiet jekk u sa liema punt, jew b'liema modalitajiet, il-kwistjonijiet tal-produzzjoni li huma indirizzati mir-regoli Omnibus fir-rigward tal-oġġetti koperti minn diversi reġimi armonizzati jistgħu jiġu indirizzati fil-kuntest distint ta' oġġetti mhux armonizzati.

Konsistenza mal-azzjoni esterna tal-UE

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jappoġġa lir-Rappreżentant Għoli fil-funzjoni tiegħu/tagħha, bħala Viċi President tal-Kummissjoni, biex jikkoordina l-azzjoni esterna tal-Unjoni fi ħdan il-Kummissjoni. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli se jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala rappreżentanti esterni tal-Unjoni u se jassistu, kif rilevanti, fid-djalogi esterni.

Interazzjoni ma' strumenti oħrajn

Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi biex jantiċipaw, iħejju u jirrispondu għall-impatti tal-kriżijiet naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem fuq is-Suq Uniku permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 91 u 114 tat-TFUE, fejn l-Artikolu 91 huwa l-bażi ġuridika oriġinali għall-adozzjoni tad-Direttiva 2010/35/UE dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u l-Artikolu 114 huwa l-bażi ġuridika oriġinali għat-13-il qafas settorjali li jifdal. It-13-il qafas settorjali huma: Id-Direttiva 2000/14/KE dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra; Id-Direttiva 2006/42/UE dwar makkinarju; Id-Direttiva 2013/29/UE dwar oġġetti pirotekniċi; Id-Direttiva 2014/28/UE dwar splussivi ċivili; Id-Direttiva 2014/29/UE dwar reċipjenti sempliċi taħt pressjoni; Id-Direttiva 2014/30/UE dwar il-kompatibbiltà elettromanjetika; Id-Direttiva 2014/31/UE dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi; Id-Direttiva 2014/32/UE dwar strumenti tal-kejl; Id-Direttiva 2014/33/UE dwar liftijiet; Id-Direttiva 2014/34/UE dwar tagħmir għal atmosferi potenzjalment esplużivi (ATEX); Id-Direttiva 2014/35/UE dwar tagħmir b'voltaġġ baxx; Id-Direttiva 2014/53/UE dwar tagħmir tar-radju u d-Direttiva 2014/68/UE dwar apparat ta' pressjoni.

L-oqfsa settorjali tal-UE, li huma kkunsidrati fil-kuntest ta' din il-proposta huma dawk fost l-hekk imsejħa "prodotti armonizzati". Dak li huwa komuni fost dawn l-oqfsa settorjali huwa li jistabbilixxu regoli armonizzati dwar id-disinn, il-manifattura, il-valutazzjoni tal-konformità u l-introduzzjoni fis-suq ta' tali prodotti. Essenzjalment, dawn l-oqfsa settorjali jintroduċu r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali għal kull settur/kategorija ta' prodotti rispettivi li l-prodotti jenħtieġ li jissodisfaw u l-proċeduri kif tiġi vvalutata l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Dawn ir-regoli jistabbilixxu armonizzazzjoni sħiħa u għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jidderogaw minn dawn ir-regoli, anke f'każ ta' emerġenza, sakemm il-qafas rispettiv ma jipprevedix tali possibbiltà.

Karatteristika komuni oħra ta' dawn l-oqfsa hija li huma allinjati ftit jew wisq mill-qrib mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti[32], li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' referenza għat-tfassil ta' leġiżlazzjoni Komunitarja li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti.

Oqfsa armonizzati oħra tal-UE, li jsegwu l-istess approċċ, bħar-Regolament (UE) 2017/745 dwar l-Apparati Mediċi u r-Regolament (UE) 2017/746 dwar l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* diġà fihom dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-proċeduri armonizzati f'ċerti każijiet. Għalhekk, mhuwiex neċessarju li dawk l-oqfsa jiġu emendati.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta għandha l-għan li temenda r-regoli armonizzati stabbiliti minn għadd ta' oqfsa settorjali tal-UE. Dawn l-oqfsa ma jipprevedux il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri ta' rispons għall-kriżi b'deroga mir-regoli armonizzati. Meta wieħed iqis li d-Direttivi, li din il-proposta għandha l-għan li temenda huma oqfsa ta' armonizzazzjoni massima, dawn l-emendi jistgħu jsiru biss fil-livell tal-UE.

- **Proporzjonalità**

L-attivitajiet ekonomiċi fis-Suq Uniku kollu huma integrati sew. L-interazzjoni bejn il-kumpaniji, il-forniturі tas-servizzi, il-klijenti, il-konsumaturi u l-ħaddiema li jinsabu fi Stati Membri differenti li jibbażaw fuq id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu, qiegħda ssir dejjem aktar komuni. L-esperjenza tal-kriżi tal-passat uriet li ta' spiss id-distribuzzjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni madwar l-UE ma hijiex uniformi (eż. bil-linji tal-produzzjoni ta' ċerti prodotti li jinsabu primarjament fi ftit Stati Membri). B'mod parallel, fil-każ ta' kriżi, id-domanda għall-oġġetti jew servizzi rilevanti għall-kriżi madwar it-territorju tal-UE tista' wkoll ma tkunx uniformi. L-objettiv li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u mingħajr tfixkil tas-Suq Uniku ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri nazzjonali unilaterali. Barra minn hekk, anke jekk il-miżuri adottati mill-Istati Membri individwalment jaf ikunu jistgħu jindirizzaw sa ċertu punt id-defiċjenzi li jirriżultaw minn kriżi fil-livell nazzjonali, fil-fatt huma aktar probabbli li jkomplu jaggravaw il-kriżi msemmija madwar l-UE billi jżidu aktar ostakli għall-moviment liberu u/jew pressjoni addizzjonali fuq prodotti li diġà huma affettwati min-nuqqasijiet.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta għandha l-għan li temenda 14-il Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u. Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-paralleliżmu, il-Proposta għandha tieħu l-forma ta' Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-Regolament (KE) Nru 2679/98 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-moviment liberu tal-oġġetti attribwibbli għal Stat Membru li jwasslu għal tfixkil serju u li jirrikjedu azzjoni immedjata ("Ir-Regolament dwar il-Frawli") se jitħassar. Skont l-evalwazzjoni tiegħu finalizzata f'Ottubru 2019 u appoġġata minn studju estern, dan il-

[32] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

mekkaniżmu rarament jintuża u s-sistema ta' skambju ta' informazzjoni tiegħu ma hijiex suffiċjenti peress li hija bil-mod wisq u skaduta[33].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Kif deskritt fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuża ma' din il-proposta, bejn Ottubru 2021 u Mejju 2022 saru attivitajiet ta' **konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**. L-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu jinkludu: **sejħa għal evidenza** ppubblikata fuq il-portal "Semma' Leħnek" u miftuħa mit-13 ta' April sal-11 ta' Mejju 2022, **konsultazzjoni pubblika** mwettqa permezz ta' kwestjonarju ppubblikat fuq l-istess portal fl-istess perjodu, **workshop tal-partijiet ikkonċernati** fis-6 ta' Mejju 2022, **stħarriġ tal-Istati Membri** f'Mejju 2022 u **konsultazzjonijiet immirati** mwettqa permezz ta' laqgħat mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati speċifiċi.

Il-partijiet ikkonċernati jaqblu fil-biċċa l-kbira mal-ħtieġa li jiġi żgurat il-moviment liberu kif ukoll li jkun hemm trasparenza u koordinazzjoni akbar fi żminijiet ta' kriżi. Il-biċċa l-kbira tal-esperjenzi deskritti mill-partijiet ikkonċernati ġew mill-kriżi tal-COVID-19. Fir-rigward tal-iżgurar tad-disponibbiltà ta' oġġetti rilevanti għall-kriżi, l-Istati Membri esprimew appoġġ għal miżuri bħall-koordinazzjoni tal-akkwist pubbliku, il-valutazzjoni tal-konformità rapida u s-sorveljanza mtejba tas-suq. Għadd ta' Stati Membri esprimew tħassib dwar l-inklużjoni ta' miżuri wesgħin ta' tħejjija għall-kriżi meta ma tkun qiegħda tiġi antiċipata l-ebda kriżi, mingħajr ma jiġu speċifikati ktajjen tal-provvista mmirati. Filwaqt li xi partijiet ikkonċernati tan-negozju esprimew tħassib dwar miżuri obbligatorji mmirati lejn l-operaturi ekonomiċi, oħrajn esprimew appoġġ għal koordinazzjoni u trasparenza akbar, miżuri li jiżguraw il-moviment liberu tal-ħaddiema, notifiki rapidi tal-miżuri nazzjonali, proċeduri rapidi għall-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' standards Ewropej, punti uniċi ta' informazzjoni tal-UE u nazzjonali, provi ta' emerġenza għall-esperti.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-evidenza u d-*data* li ntużaw għall-iżvilupp tal-Valutazzjoni tal-Impatt kienu jinkludu:

– "L-impatt tal-COVID-19 fuq is-Suq Intern", studju fuq talba tal-Kumitat IMCO tal-PE;

– L-evalwazzjoni tar-"Regolament dwar il-Frawli" (KE) Nru 2679/98 u l-istudju estern ta' appoġġ tiegħu;

– Evalwazzjoni tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid;

– Informazzjoni u/jew evidenza rilevanti miġbura fil-kuntest tat-tħejjija ta' inizjattivi u mekkaniżmi eżistenti jew proposti tal-UE għar-rispons għall-kriżi, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni jew studji tal-valutazzjoni tal-impatt (eż. l-Att dwar id-*Data*, l-Għodda ta' Informazzjoni għas-Suq Uniku (SMIT), il-Qafas tal-UE għas-Sigurtà tas-Saħħa, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-Pjan ta' kontinġenza għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel, l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR), il-Pjan ta' kontinġenza għat-trasport, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 u l-adattamenti tiegħu);

[33] Kif ivvalutat fl-istudju ta' sostenn tal-evalwazzjoni u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' evalwazzjoni SWD(2019)371 final tat-8 ta' Ottubru 2019.

– Studji akkademiċi u letteratura dwar l-effett tal-kriżijiet preċedenti fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku, kif ukoll dokumenti ta' pożizzjoni eżistenti u dokumenti oħrajn imfassla mill-partijiet ikkonċernati rilevanti;

– Artikli tal-gazzetti u materjali tal-istampa.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ibbażat ulterjorment fuq l-informazzjoni li waslet mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni kif spjegat fir-rapport fil-qosor li jinsab fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-bażi tal-evidenza tar-rapport hija limitata ħafna minħabba l-għadd relattivament baxx ta' tweġibiet għas-sejħa għal evidenza u l-konsultazzjoni pubblika, u n-nuqqas ta' studju ta' appoġġ. Sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni, fis-6 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni wettqet workshop tal-partijiet ikkonċernati li għalih attendew għadd kbir ta' partijiet ikkonċernati u wettqet sensiela ta' konsultazzjonijiet immirati, speċjalment mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati.

• **Il-valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt[34]. Il-Valutazzjoni tal-Impatt evalwat tliet għażliet ta' politika li jistabbilixxu korp ta' governanza u qafas għall-modalitajiet tal-ippjanar ta' kontinġenza, ta' viġilanza u ta' emerġenza. Kemm il-modalità ta' viġilanza tas-Suq Uniku kif ukoll il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku jiġu attivati skont kriterji speċifiċi u mekkaniżmi li jiskattaw. Ċerti miżuri fis-sett ta' għodod ikunu jeħtieġu attivazzjoni addizzjonali.

Abbażi tal-analiżi tal-fatturi ewlenin tal-problemi u tal-lakuni fil-leġiżlazzjoni rilevanti speċifika għas-settur, ġew definiti tmien elementi kostitwenti tal-miżuri billi l-miżuri ġew raggruppati f'elementi li japplikaw fi żminijiet differenti (f'kull ħin, fil-modalità ta' viġilanza u fil-modalità ta' emerġenza). Għal kull element kostitwenti, ġew analizzati tliet approċċi ta' politika li jvarjaw minn miżuri mhux leġiżlattivi (approċċ 1) għal approċċ ibridu (approċċ 2) għal qafas leġiżlattiv aktar komprensiv (approċċ 3). Abbażi ta' din l-analiżi, xi wħud mill-approċċi jew l-approċċi kollha nżammu għal kull element kostitwenti u ġew ikkombinati fi tliet għażliet ta' politika realistiċi li jirriflettu livelli differenti ta' ambizzjoni politika u appoġġ għall-partijiet ikkonċernati:

Modalità	**Elementi kostitwenti**	**Għażla ta' Politika 1** **TRASPARENZA**	**Għażla ta' Politika 2** **KOOPERAZZJONI**	**Għażla ta' Politika 3** **SOLIDARJETÀ**
Il-ħin kollu	1. il-governanza, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni	*Approċċ 2* Grupp Konsultattiv Formali bħala l-forum fil-livell tekniku u l-obbligu tal-Istati Membri li jikkondividu l-informazzjoni fi ħdan il-grupp b'antiċipazzjoni u matul il-kriżi		
Il-ħin kollu	2. l-ippjanar ta' kontinġenza għall-kriżi	*Approċċ 2* Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tar-riskju, it-taħriġ u l-eżerċizzji u l-kompendju ta' miżuri ta' rispons għall-kriżi	*Approċċ 3* - Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tar-riskju u l-kompendju ta' miżuri ta' rispons għall-kriżi u - Obbligu tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni - Obbligu li l-Istati Membri li jħarrġu l-persunal rilevanti tagħhom għall-immaniġġar tal-kriżi	

[34] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament.

			b'mod regolari
Viġilanza	3. il-viġilanza tas-Suq Uniku	*Approċċ 2* - Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar il-ġbir ta' informazzjoni rigward il-ktajjen tal-provvista strateġiċi identifikati - Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għall-bini ta' riżervi strateġiċi ta' oġġetti ta' importanza strateġika	*Approċċ 3* - Obbligu li l-Istati Membri jiġbru informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista strateġiċi identifikati - Obbligu li l-Kummissjoni tfassal u taġġorna regolarment lista b'miri għar-riżervi strateġiċi - Obbligi li l-Istati Membri[35] jibnu riżervi strateġiċi għall-oġġetti magħżula ta' importanza strateġika jekk ir-riżervi strateġiċi tal-Istati Membri ma jilħqux il-miri b'mod sinifikanti
Emerġenza	4. il-prinċipji ewlenin u miżuri ta' appoġġ għall-iffaċilitar tal-moviment liberu matul emerġenza	*Approċċ 2* It-tisħiħ tal-prinċipji ewlenin tal-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi f'regoli vinkolanti fejn jixraq għall-immaniġġar effettiv tal-kriżi	
Emerġenza	5. it-trasparenza u l-assistenza amministrattiva matul l-emerġenza	*Approċċ 3* Mekkaniżmu vinkolanti ta' notifika rapida, rieżami rapidu bejn il-pari u l-possibbiltà li l-miżuri notifikati jiġu ddikjarati inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni; il-punti ta' kuntatt u l-pjattaforma elettronika	
Emerġenza	6. it-tħaffif tal-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti rilevanti għall-kriżi matul emerġenza	*Approċċ 2* Emendi mmirati tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-armonizzazzjoni tas-Suq Uniku: introduzzjoni aktar rapida fis-suq ta' prodotti rilevanti għall-kriżi; Il-Kummissjoni tista' tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi; L-Istati Membri jipprijoritizzaw is-sorveljanza tas-suq għal prodotti rilevanti għall-kriżi	
Emerġenza	7. l-akkwist pubbliku matul emerġenza	*Approċċ 2* Dispożizzjoni ġdida dwar l-akkwist konġunt/ix-xiri komuni mill-Kummissjoni għal xi wħud mill-Istati Membri jew għall-Istati Membri kollha	

35 Soġġetti għal skattatur addizzjonali

Emerġenza	8. il-miżuri li jħallu impatt fuq il-ktajjen tal-provvista rilevanti għall-kriżi matul il-modalità ta' emerġenza	*Approċċ 1* Gwida dwar iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni; it-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi; l-aċċettazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' ordnijiet ta' oġġetti rilevanti għall-kriżi Rakkomandazzjonijiet lin-negozji biex jikkondividu informazzjoni rilevanti għall-kriżi	*Approċċ 2* Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għad-distribuzzjoni ta' prodotti maħżuna; it-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi; l-inkoraġġiment lill-operaturi ekonomiċi biex jaċċettaw u jipprijoritizzaw l-ordnijiet L-għoti tas-setgħa lill-Istati Membri[36] biex jobbligaw lill-operaturi ekonomiċi jżidu l-kapaċità tal-produzzjoni u biex jindirizzaw talbiet għal informazzjoni vinkolanti lill-operaturi ekonomiċi	*Approċċ 3* Obbligi li l-Istati Membri[37] jiddistribwixxu l-prodotti li qabel kienu maħżuna; it-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, L-obbligi tan-negozji li jaċċettaw u jipprijoritizzaw l-ordnijiet; it-tisħiħ tal-kapaċità tal-produzzjoni u l-għoti ta' informazzjoni rilevanti għall-kriżi

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ma ppreżentatx għażla ppreferuta, minflok ħalliet l-għażla tal-alternattivi għad-deċiżjoni politika. Il-miżuri magħżula fil-proposta legali jikkorrispondu għall-Għażla ta' Politika 3 għall-elementi kostitwenti kollha bl-eċċezzjoni tal-element kostitwenti 8. Għall-element kostitwenti 8, intgħażlet taħlita ta' Għażla ta' Politika 1 (għaż-żieda tal-produzzjoni), Għażla ta' Politika 2 (għad-distribuzzjoni ta' prodotti maħżuna u għat-tħaffif tal-proċeduri ta' għoti ta' permessi), u Għażla ta' Politika 3 (għall-obbligi tan-negozji li jaċċettaw u jipprijoritizzaw l-ordnijiet u li jipprovdu informazzjoni rilevanti għall-kriżi).

Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ssottomettiet il-Valutazzjoni tal-Impatt lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB). L-RSB ta opinjoni negattiva, filwaqt li nnota b'mod partikolari (1) il-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u dettaljata relatata mal-emerġenza prevista fis-Suq Uniku inkluż definizzjoni, il-kriterji u l-mekkaniżmi ta' deċiżjoni għall-istabbiliment u t-terminazzjoni tagħha u l-miżuri li jkunu se jiġu implimentati matulha; (2) il-ħtieġa li tiġi pprovduta valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti tal-għażliet ta' politika; u (3) l-ħtieġa li jiġu ppreżentati taħlitiet alternattivi ta' għażliet ta' politika rilevanti, minbarra l-approċċi ta' politika, u li t-tqabbil jintrabat mal-analiżi tal-impatti. Sabiex tindirizza dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni pprovdiet definizzjoni ċara ta' emerġenza fis-Suq Uniku, speċifikat il-kriterji u l-mekkaniżmi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, spjegat it-tliet modalitajiet ta' funzjonament tal-SMEI u speċifikat liema element kostitwenti tal-SMEI se jiġi attivat taħt liema modalità. Elaborat ulterjorment il-valutazzjoni tal-impatti biex tkopri aktar tipi ta' impatti, jiġifieri l-impatti ekonomiċi għall-partijiet ikkonċernati ewlenin (in-negozji, l-Istati Membri u l-Kummissjoni), l-impatti fuq l-SMEs, l-impatti fuq il-kompetittività, il-kompetizzjoni, il-kummerċ internazzjonali, u għamlet distinzjoni bejn liema impatt iseħħ bl-effetti immedjati u li jista' jkun mistenni taħt il-modalitajiet ta' viġilanza u ta' emerġenza. Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt iddefiniet tliet għażliet ta' politika alternattivi bbażati fuq taħlita ta' approċċi differenti għal xi whud mill-elementi kostitwenti, ipprovdiet valutazzjoni tal-impatti ta' dawn l-għażliet u estendiet it-tqabbil tal-għażliet biex tkopri l-proporzjonalità u s-sussidjarjetà.

36 Soġġetti għal skattatur addizzjonali

37 Soġġetti għal skattatur addizzjonali

Fid-29 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt riveduta lill-RSB. L-RSB ta opinjoni pożittiva bil-kummenti. Dawn il-kummenti kienu relatati mal-ħtieġa li jiġu esplorati ulterjorment it-tipi differenti ta' kriżi li jista' jkollhom impatt fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku, biex tiġi stabbilita b'mod aktar ċar l-interazzjoni ma' miżuri possibbli meħuda abbażi tal-Artikolu 4(2) tat-TFUE u biex jiġu ġġustifikati biżżejjed xi wħud mill-miżuri proposti mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kummenti, żdiedu indikazzjonijiet dwar l-effetti tal-kriżijiet futuri potenzjali, l-interazzjoni ma' miżuri potenzjali skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE ġiet spjegata aħjar u żdiedu aktar dettalji dwar il-miżuri obbligatorji previsti taħt il-modalità ta' emerġenza.

Aktar informazzjoni dwar kif ir-rakkomandazzjonijiet tal-RSB huma riflessi fir-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tista' tinstab fl-Anness 1, il-punt 3, tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Skont il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tal-Kummissjoni, l-inizjattivi kollha bl-objettiv li jbiddlu l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE jenħtieġ li jkollhom l-għan li jissimplifikaw u jwasslu għall-objettivi ta' politika ddikjarati b'mod aktar effiċjenti (jiġifieri li jitnaqqsu l-kostijiet regolatorji bla bżonn).

Il-pakkett kumplessiv tal-SMEI jipprovdi sett ta' miżuri biex tiġi indirizzata l-emerġenza fis-Suq Uniku, li jikkonsisti f'sett ta' miżuri applikabbli l-ħin kollu kif ukoll ċerti miżuri applikabbli biss fil-modalitajiet ta' viġilanza jew ta' emerġenza, li għandhom jiġu attivati separatament. Il-proposta attwali tipprevedi proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, l-introduzzjoni fis-suq, l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u s-sorveljanza tas-suq. Ma hemm l-**ebda kost amministrattiv għan-negozji u għaċ-ċittadini** li japplika b'effett immedjat u matul il-funzjonament normali tas-Suq Uniku.

Għall-miżuri li huma parti mill-pakkett kumplessiv tal-SMEI u li x'aktarx iwasslu għal impatti qawwija u kostijiet potenzjali għall-SMEs, b'mod partikolari miżuri bħal talbiet obbligatorji għal informazzjoni, talbiet biex tiżdied il-produzzjoni u biex jiġu aċċettati ordnijiet klassifikati bħala prijorità, matul l-attivazzjoni addizzjonali ta' tali miżuri, il-Kummissjoni se twettaq l-analiżi u l-valutazzjoni speċifiċi fir-rigward tal-impatt u l-proporzjonalità tagħhom, b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq l-SMEs. Din il-valutazzjoni se tkun parti mill-proċess ta' attivazzjoni addizzjonali ta' dawn il-miżuri speċifiċi minn att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (minbarra l-iskattar kumplessiv tal-modalità ta' emerġenza). Skont in-natura tal-kriżi u l-ktajjen tal-provvista strateġiċi kkonċernati u l-prodotti rilevanti għall-kriżi, se jiġu pprovduti akkomodazzjonijiet speċifiċi għall-SMEs. Filwaqt li ma huwiex possibbli li l-mikrointrapriżi jiġu eżentati kompletament mill-kamp ta' applikazzjoni ta' miżuri bħat-talbiet obbligatorji għall-informazzjoni, peress li dawn l-intrapriżi jista' jkollhom għarfien jew privattivi uniċi speċifiċi ta' importanza kritika fi kriżi, l-akkomodazzjonijiet speċifiċi se jinkludu disinji simplifikati tal-istħarriġ, rekwiżiti ta' rapportar inqas oneruż, u skadenzi itwal għar-reazzjonijiet, sa fejn ikun possibbli fid-dawl tal-ħtieġa ta' urġenza fil-kuntest ta' kriżi speċifika.

Fil-kuntest tal-pakkett kumplessiv tal-SMEI, ir-Regolament (KE) Nru 2679/98 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-moviment liberu tal-oġġetti attribwibbli għal Stat Membru li jwasslu għal tfixkil serju u li jirrikjedu azzjoni immedjata ("ir-Regolament dwar il-Frawli") se jitħassar. Dan se jwassal għas-simplifikazzjoni tal-qafas legali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex impatt fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom taċ-ċittadini jew tan-negozji.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri f'dan l-att jikkonċernaw emendi mmirati tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-prodotti. L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Għalhekk mhux se jkun hemm implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta ma tinkludi l-ebda mekkaniżmu ta' monitoraġġ speċifiku. Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ diġà jinsabu fl-oqfsa settorjali tal-UE, li qed jiġu emendati minn din il-proposta u l-emendi ma għandhomx impatt fuq dawn l-arranġamenti eżistenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost huwa ta' rilevanza għaż-ŻEE u għalhekk jenħtieġ li jiġi estiż għaliha.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi, li din il-Proposta għandha l-għan li tintroduċi jkopru l-aspetti li ġejjin:

(1) Il-prijoritizzazzjoni mill-korpi notifikati tal-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti ddeżinjati bħala rilevanti għall-kriżi;

(2) Il-possibbiltà li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti joħorġu awtorizzazzjonijiet temporanji għall-prodotti rilevanti għall-kriżi, li ma jkunux għaddew mill-proċeduri standard ta' valutazzjoni tal-konformità, dment li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha u dment li l-awtorizzazzjoni tkun limitata għat-tul ta' żmien tal-emerġenza fis-Suq Uniku u għat-territorju tal-Istat Membru emittenti;

(3) Il-possibbiltà li l-manifatturi jserrħu fuq standards internazzjonali u nazzjonali rilevanti matul l-emerġenza, jekk ma jkunux disponibbli standards armonizzati u jekk l-istandards alternattivi jiżguraw livell ekwivalenti ta' sikurezza;

(4) Il-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta, permezz ta' atti delegati, speċifikazzjonijiet tekniċi komuni volontarji jew obbligatorji għall-prodotti rilevanti għall-kriżi;

(5) Il-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq għall-oġġetti rilevanti għall-kriżi

2022/0280 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[38],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[39],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja[40],

Billi:

(1) [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*] għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament normali tas-Suq Uniku, inkluż il-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni u li jiggarantixxi d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi u oġġetti u servizzi ta' importanza strateġika għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi matul xi kriżi.

(2) Il-qafas stabbilit minn [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*] jistabbilixxi miżuri, li jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod koerenti, trasparenti, effiċjenti, proporzjonat u f'waqtu, sabiex jiġi evitat, mitigat u minimizzat l-impatt fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku li jista' jiġi kkawżat mill-kriżi.

(3) [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*] jistabbilixxi mekkaniżmu b'diversi saffi li jikkonsisti minn ippjanar ta' kontinġenza, modalità ta' viġilanza u modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

(4) [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*] jistabbilixxi regoli bl-objettiv li jissalvagwardja l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni fis-Suq Uniku u li jiżgura d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi li huma partikolarment importanti anke fi

[38] ĠU C , , p. .

[39] ĠU C , , p. .

[40] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-xxx (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-xxx.

żminijiet ta' kriżi. [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*] japplika kemm għall-oġġetti kif ukoll għas-servizzi.

(5) Sabiex tiġi kkomplementata, żgurata l-konsistenza u tkompli tissaħħaħ l-effettività ta' dawn il-miżuri, jixraq li jiġi żgurat li l-oġġetti rilevanti għall-kriżi msemmija fi [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*] ikunu jistgħu jiġu introdotti malajr fis-suq tal-Unjoni sabiex jikkontribwixxu għall-indirizzar u l-mitigazzjoni tat-tfixkil.

(6) Numru ta' oqfsa legali settorjali jistabbilixxu regoli armonizzati dwar id-disinn, il-manifattura, il-valutazzjoni tal-konformità u l-introduzzjoni fis-suq ta' ċerti prodotti. Dawn l-atti legali jinkludu d-Direttivi 2000/14/KE[41], 2006/42/KE[42], 2010/35/UE[43], 2013/29/UE[44], 2014/28/UE[45], 2014/29/UE[46], 2014/30/UE[47], 2014/31/UE[48], 2014/32/UE[49], 2014/33/UE[50], 2014/34/UE[51], 2014/35/UE[52], 2014/53/UE[53] u 2014/68/UE[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira ta' dawk l-atti legali huma msejsa fuq il-prinċipji tal-approċċ il-ġdid għall-

41 Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

42 Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).

43 Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

44 Id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27).

45 Id-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1).

46 Id-Direttiva 2014/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-twettiq tad-disponibilità fis-suq ta' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 45).

47 Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

48 Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107).

49 Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149).

50 Id-Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251).

51 Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplożivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309).

52 Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

53 Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

54 Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164).

armonizzazzjoni teknika u huma allinjati wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55].

(7) La d-dispożizzjonijiet ta' referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni 768/2008/KE, u lanqas id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE dwar l-armonizzazzjoni ma jipprevedu proċeduri mfassla biex jiġu applikati fi kriżi. Jixraq li jiġu introdotti aġġustamenti mmirati għal dawk id-Direttivi, bl-għan li jirrispondu għall-impatti tal-kriżijiet li jaffettwaw il-prodotti li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi u koperti minn dawk id-Direttivi.

(8) L-esperjenza mill-kriżijiet tal-passat li affettwaw is-Suq Uniku wriet li l-proċeduri stabbiliti fl-atti legali settorjali mhumiex imfassla biex jaqdu l-ħtiġijiet tax-xenarji ta' rispons għall-kriżijiet u ma joffrux il-flessibbiltà regolatorja neċessarja. Għalhekk jixraq li tiġi prevista bażi ġuridika għal tali proċeduri ta' rispons għall-kriżijiet bħala komplement għall-miżuri adottati skont [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*].

(9) Sabiex jingħelbu l-effetti potenzjali tat-tfixkil fuq is-Suq Uniku u sabiex jiġi żgurat li oġġetti rilevanti għall-kriżi jiġu introdotti fis-suq malajr, jixraq li jiġi previst rekwiżit għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità biex jipprijoritizzaw l-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn il-prodotti fuq kwalunkwe applikazzjoni pendenti li tikkonċerna l-prodotti, li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala rilevanti għall-kriżi.

(10) Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri ta' emerġenza jiġu stabbiliti fid-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u, 2014/68/UE. Dawk il-proċeduri jenħtieġ li jkunu disponibbli biss wara l-attivazzjoni tal-emerġenza fis-Suq Uniku u biss meta oġġett speċifiku kopert minn dawk id-Direttivi jiġi ddeżinjat bħala modalità rilevanti għall-kriżi f'konformità ma' [*daħħal ir-referenza għar-Regolament SMEI*].

(11) Barra minn hekk, f'każijiet fejn it-tfixkil jista' jaffettwa lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jew f'każijiet fejn il-kapaċitajiet tal-ittestjar għal dawn il-prodotti rilevanti għall-kriżi ma jkunux biżżejjed, jixraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jawtorizzaw b'mod eċċezzjonali u temporanju l-introduzzjoni fis-suq tal-prodotti, li ma jkunux għaddew mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tas-soltu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni settorjali rispettiva tal-UE.

(12) Fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu, fil-kuntest ta' emerġenza fis-Suq Uniku li tkun għaddejja, jidderogaw mill-obbligu li jwettqu dawk il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti f'dawk id-Direttivi, f'dawk il-każijiet fejn l-involviment ta' korp notifikat ikun obbligatorju u jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu awtorizzazzjonijiet għal dawk il-prodotti, dment li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali u applikabbli. Il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti sostantivi tista' tintwera b'diversi mezzi, li jistgħu jinkludu l-ittestjar li jwettqu l-awtoritajiet nazzjonali tal-kampjuni pprovduti mill-manifattur li jkun applika għal awtorizzazzjoni. Il-proċeduri speċifiċi, li ġew segwiti biex tintwera l-konformità u r-riżultati tagħhom jenħtieġ li jiġu deskritti b'mod ċar fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

---

[55] Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

(13) Meta emerġenza fis-Suq Uniku tinvolvi żieda esponenzjali fid-domanda għal ċerti prodotti u sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-operaturi ekonomiċi biex jissodisfaw tali domanda, jixraq li jiġu pprovduti referenzi tekniċi, li jistgħu jintużaw mill-manifatturi biex ifasslu u jipproduċu oġġetti rilevanti għall-kriżi, li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli.

(14) Għadd ta' oqfsa armonizzati settorjali tal-UE jipprevedu l-possibbiltà li manifattur jibbenefika minn preżunzjoni ta' konformità jekk il-prodott tiegħu jikkonforma ma' standard Ewropew armonizzat. Madankollu, f'każijiet fejn dawn l-istandards ma jeżistux jew il-konformità magħhom tista' ssir eċċessivament diffiċli minħabba t-tfixkil ikkawżat mill-kriżi, jixraq li jiġu previsti mekkaniżmi alternattivi.

(15) Fir-rigward tad-Direttiva 2006/42/KE, id-Direttivi 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżumu li l-prodotti manifatturati f'konformità mal-istandards nazzjonali jew internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012[56] li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak offrut mill-istandards Ewropej armonizzati jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti.

(16) Barra minn hekk, fir-rigward tad-Direttivi 2006/42/KE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet komuni, li l-manifatturi jistgħu jserrħu fuqhom sabiex jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli. L-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi tali speċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jibqa' applikabbli għat-tul ta' żmien tal-emerġenza fis-Suq Uniku.

(17) Fir-rigward tad-Direttivi 2006/42/KE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fost il-prodotti jew is-sistemi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet komuni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, li l-manifatturi jkunu meħtieġa jikkonformaw magħhom. L-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi tali speċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jibqa' applikabbli għat-tul ta' żmien tal-emerġenza fis-Suq Uniku.

(18) Sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' sikurezza pprovdut mill-prodotti armonizzati ma jiġix kompromess, huwa neċessarju li jiġu previsti regoli għal sorveljanza tas-suq imsaħħa, b'mod partikolari fir-rigward ta' oġġetti ddeżinjati bħala rilevanti għall-kriżi u fosthom billi jippermettu kooperazzjoni aktar mill-qrib u appoġġ reċiproku fost l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

(19) F'konformità mal-prattika stabbilita tagħha, il-Kummissjoni se tikkonsulta sistematikament lill-esperti settorjali rilevanti fil-kuntest tat-tħejjija bikrija tal-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni kollha li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet komuni.

(20) Għaldaqstant, id-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

---

56 ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2000/14/KE

Id-Direttiva 2000/14/KE hija emendata kif ġej:

jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 17a*

Applikazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda għat-traspożizzjoni fl-Artikoli 17b, 17c u 17d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 226 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda għat-traspożizzjoni fl-Artikoli 17b, 17c u 17d japplikaw esklużivament għal tagħmir, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda għat-traspożizzjoni fl-Artikoli 17b, 17c u 17d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

   Madankollu, l-Artikolu 17c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 17c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' tagħmir introdott fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17c. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu19a(2).

Artikolu 17b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għat-tagħmir elenkat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 17a(1), li huwa soġġett għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 14 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 17a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 17c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 14, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' tagħmir speċifiku msemmi fl-Artikolu 12 u elenkat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 17a(1) u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha dwar l-emissjoni ta' storbju fl-ambjent ta' din id-Direttiva.

2. Il-manifattur tat-tagħmir soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li t-tagħmir ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha li jikkonċernaw l-emissjoni ta' storbju fl-ambjent ta' din id-Direttiva u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li t-tagħmir, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom it-tagħmir jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli dwar l-emissjoni tal-ħoss fl-ambjent ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tat-tagħmir ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tat-tagħmir ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-tagħmir ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li t-tagħmir ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 17a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B’deroga mill-Artikoli 6 u 11, it-tagħmir, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f’konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma għandux jibbenefika mill-moviment liberu fl-Unjoni kollha u ma għandux ikollu l-markatura CE. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mhumiex meħtieġa jirrikonoxxu l-validità tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta’ Stat Membru ieħor.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f’din id-Direttiva fir-rigward ta’ dan it-tagħmir.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b’kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta’ tagħmir f’konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 17a sa 17d u l-użu tal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 17d

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta’ sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għat-tagħmir, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta’ esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.”

(2) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, tiżdied is-sentenza li ġejja wara l-ewwel sentenza: “Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.” “Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 18 għandu:”;; “Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 18 għandu:”;;

(b) il-paragrafu li ġej jiżdied wara l-paragrafu 1:

“2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2006/42/KE

Fid-Direttiva 2006/42/KE, jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 21b

Applikazzjoni ta’ proċeduri ta’ emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda għat-traspożizzjoni fl-Artikoli 21c u 21h ta’ din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun

adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 21c sa 21h japplikaw esklużivament għall-makkinarju, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 21c sa 21h japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

Madankollu, l-Artikolu 21d(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 21d(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-makkinarju introdott fis-suq f'konformità mal-Artikoli 21d sa 21g. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

Artikolu 21c

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-makkinarju rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-makkinarju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 12, li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' makkinarju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' makkinarju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' makkinarju, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' makkinarju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 21b.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-makkinarju skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal makkinarju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 21d

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità minn parti li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 12, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-

servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' makkinarju speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 12 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur tal-makkinarju soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-makkinarju kkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-makkinarju, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-makkinarju jista' jiġi introdott fis-suq jew fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-makkinarju kkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-makkinarju kkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-makkinarju kkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-makkinarju kkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 21d(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B'deroga mill-Artikoli 6 u 16, il-makkinarju, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollu l-markatura CE.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva[57] fir-rigward ta' dan il-makkinarju.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' makkinarju f'konformità mal-paragrafu 1.

---

[57] Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 21b sa 21h u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 12 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 21e

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq jew tat-tqegħid fis-servizz, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu li l-makkinarju li jikkonforma mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012

Artikolu 21f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-makkinarju jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dan il-makkinarju biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkunx ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f*'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3). Għandhom japplikaw għal makkinarju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tkun ġiet attivata f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI].

Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-makkinarju li jkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun preżunt f'konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 21b(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-makkinarju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-makkinarju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-Modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[*Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 21g

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-makkinarju elenkat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 21b(1).

2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(3). Għandhom japplikaw għall-makkinarju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 21b(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-makkinarju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-makkinarju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta'

implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-Modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 21h

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-makkinarju, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għall-makkinarju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 3

Emendi għad-Direttiva 2010/35/UE

Id-Direttiva 2010/35/UE hija emendata kif ġej:

jiddaħħal il-Kapitolu 5a li ġej:

"**KAPITOLU 5a**
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 33a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d japplikaw esklużivament għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

4. Madankollu, l-Artikolu 33c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 33c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr introdott fis-suq f'konformità mal-Artikolu 33c. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38a(2).

Artikolu 33b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 12 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 33a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 33c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 12, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' apparat ta' pressjoni speċifiku li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 12 ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva.

2. Il-manifattur, l-importatur, id-distributur u l-utent tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur, l-importatur, id-distributur u l-utent għandhom ukoll jużaw il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, li jkun

ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva.

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku rigward il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 33a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B'deroga mill-Artikoli 14 u 16, l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr f'konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 33a sa 33d u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 12 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 33d

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

Artikolu 38a

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat dwar it-trasport tal-oġġetti perikoluż stabbilit skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/68/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 4
Emendi għad-Direttiva 2013/29/UE

Fid-Direttiva 2013/29/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"KAPITOLU 5a
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 42a
Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g japplikaw esklużivament għall-oġġetti pirotekniċi, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-oġġetti pirotekniċi introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 42c sa 42f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 44(3).

Artikolu 42b
Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-oġġetti pirotekniċi kollha ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 17 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 42a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom.

1. *Artikolu 42c*

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità minn parti li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat B'deroga mill-Artikolu 17, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' oġġett pirotekniku li ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 17 ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur ta' oġġett pirotekniku soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-oġġett pirotekniku kkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

3. Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-oġġett pirotekniku, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-oġġett pirotekniku jista' jiġi introdott fis-suq, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli tad-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-oġġett pirotekniku kkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-oġġett pirotekniku kkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-oġġett pirotekniku kkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-oġġett pirotekniku kkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

5. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

6. B'deroga mill-Artikoli 4 u 20, l-oġġetti pirotekniċi, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jibbenefikaw mill-moviment liberu fl-Unjoni kollha u ma għandux ikollhom il-markatura CE. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mhumiex meħtieġa jirrikonoxxu l-validità tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti skont din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-oġġetti pirotekniċi.

8. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' oġġett pirotekniku f'konformità mal-paragrafu 1.

9. L-applikazzjoni tal-Artikoli 42a sa 42g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 42d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu l-oġġetti pirotekniċi li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, jekk tali standards jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 42e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta oġġetti pirotekniċi, ikunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għal dawn l-oġġetti pirotekniċi li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16, l-oġġetti pirotekniċi li jkunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-oġġetti pirotekniċi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-oġġetti pirotekniċi f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-Modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 42f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-oġġetti proteknċi, li ġew dežinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3) u japplikaw għall-oġġetti proteknċi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih tibqa' attiva l-emerġenza fis-Suq Uniku. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-oġġetti proteknċi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-oġġetti proteknċi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-Modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 42g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-oġġetti proteknċi dde žinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għall-oġġetti proteknċi dde žinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 5

Emendi għad-Direttiva 2014/28/UE

Fid-Direttiva 2014/28/UE, jiddaħħal l-Artikolu 6 a li ġej:

"KAPITOLU 6a
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 45a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw esklużivament għall-isplussivi, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

Madankollu, l-Artikolu 45c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 45c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-isplussivi introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 45c sa 45f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(3).

Artikolu 45b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-isplussivi rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-isplussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 20 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn l-isplussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għal tagħmir, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 45a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-isplussivi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 45c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 20, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' splussiv speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi f' dak l-

Artikolu 20 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur tal-isplussiv soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-isplussiv ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-isplussiv, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-isplussiv jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-isplussiv ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-isplussiv ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-isplussiv ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-isplussiv ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B'deroga mill-Artikoli 3 u 23, l-isplussivi li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-isplussivi.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' splussiv f'konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 45a sa 45g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 20 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 45d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

(a) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu li l-isplussivi li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 45e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-isplussivi, jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għal dawn l-isplussivi li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II, f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkunx ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku, jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(3). Għandhom japplikaw għall-isplussivi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' applikabbli f'konformità mar-[Regolament SMEI]. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, l-isplussivi li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom

ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-isplussivi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-isplussivi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[*Regolament SMEI*

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 45f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness II għall-isplussivi li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(3) u għandhom japplikaw għall-isplussivi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-isplussivi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-isplussivi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[*Regolament SMEI]*.

Artikolu 45g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-isplussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għall-isplussivi, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 6

Emendi għad-Direttiva 2014/29/UE

Fid-Direttiva 2014/29/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"**KAPITOLU 5a**
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 38a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw esklużivament għar-reċipjenti, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

   Madankollu, l-Artikolu 38c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 38c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tar-reċipjenti introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 38c sa 38f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).

Artikolu 38b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 13 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-

konformità ta' tagħmir, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 38a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 38c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 13, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' reċipjent speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 13 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur ta' reċipjent soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li r-reċipjent ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li r-reċipjent, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom ir-reċipjent jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tar-reċipjent ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tar-reċipjent ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tar-reċipjent ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li r-reċipjent ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B’deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista’ temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta’ Emerġenza.

5. B’deroga mill-Artikoli 5 u 16, ir-reċipjenti li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f’konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE u l-iskrizzjonijiet.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f’din id-Direttiva fir-rigward ta’ dawn ir-reċipjenti.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b’kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta’ reċipjent f’konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 38a sa 38g u l-użu tal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 38d

Preżunzjoni ta’ konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq jew tat-tqegħid fis-servizz, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu r-reċipjenti li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma’ kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw livell ta’ sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta’ sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jikkonformaw ma’ dawk ir-rekwiżiti ta’ sikurezza essenzjali f’wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta’ din id-Direttiva f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku f’konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI], jirrestrinġi b’mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta’ din id-Direttiva u li diġà ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 38e

Adozzjoni ta’ speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta’ konformità

1. Meta r-reċipjenti, jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni għal dawn ir-reċipjenti li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni biex ikopru r-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, f’wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta’ din id-

Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) it-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestriġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Għandhom japplikaw għal reċipjenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI]. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, ir-reċipjenti li jkunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li r-reċipjenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, ir-reċipjenti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 38f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għar-reċipjenti, li ġew dežinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3) u għandhom japplikaw għal reċipjenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-

ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li r-reċipjenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, ir-reċipjenti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 38g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għar-reċipjenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal reċipjenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 7

Emendi għad-Direttiva 2014/30/UE

Id-Direttiva 2014/30/UE hija emendata kif ġej:

jiddaħħal il-Kapitolu 5a li ġej:

"KAPITOLU 5a
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 40a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw esklużivament għall-apparat, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat introdott fis-suq f'konformità mal-Artikoli 40c sa 40f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a).

Artikolu 40b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 14 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għal tagħmir, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat indikat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 40a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 40c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 14, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' apparat speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur tal-apparat soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-apparat ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-apparat, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-apparat ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-apparat ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-apparat ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B'deroga mill-Artikoli 5 u 17, l-apparat, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollu l-markatura CE.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' apparat f'konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 40a sa 40g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 40d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet ta' introduzzjoni fis-suq jew ta' tqegħid fis-servizz, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkunsidraw li l-apparat li jikkonforma mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jew

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 40e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-apparat ikun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għal dan l-apparat li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a). Għandhom japplikaw għal apparat introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13, l-apparat li jkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 40f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-apparat, li ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a). Għandhom japplikaw għal apparat introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 40g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-apparat, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

3. fl-Artikolu 41, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 8

Emendi għad-Direttiva 2014/31/UE

Fid-Direttiva 2014/31/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"KAPITOLU 5a
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 40a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza, u d-diżattivazzjoni tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw esklużivament għall-istrumenti, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

   Madankollu, l-Artikolu 40c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 40c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-istrumenti introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 40c sa 40f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3).

Artikolu 40b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 13 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tali strumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti, li ma jkunux ġew ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' strumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 40a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom.

Artikolu 40c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 13, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' strument speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 13 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur tal-istrument soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-istrument ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-istrument, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-istrument jista' jiġi introdott fis-suq, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-istrument ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku rigward il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-istrument ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-istrument ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-istrument ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B'deroga mill-Artikoli 5 u 16, l-istrumenti, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE, u lanqas il-marka supplimentari tal-metroloġija.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-istrumenti.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' strument f'konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 40 a sa 40 g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 40d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkunsidraw li l-istrumenti li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak meħtieġ mir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jew

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 40e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-istrumenti, jkunu ġew dożinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' dawn l-istrumenti li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 41(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku tibqa’ attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta’ esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta’ dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-istrumenti li jkunu f’konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu għandhom ikunu preżunti f’konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B’deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti f’konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkun ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma’ din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta’ att ta’ implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta’ Emerġenza tas-Suq Uniku f’konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b’dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 40f

Adozzjoni ta’ speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F’każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-istrumenti, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 41(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku tibqa’ attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta’ esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta’ dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni.

3. B’deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti f’konformità ma’ dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu

konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 40g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-istrumenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal strumenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 9

Emendi għad-Direttiva 2014/32/UE

Fid-Direttiva 2014/32/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"KAPITOLU 5a
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 45a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza, u d-diżattivazzjoni tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw esklużivament għall-istrumenti tal-kejl, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

   Madankollu, l-Artikolu 45c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 45c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 45c sa 45f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3).

Artikolu 45b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti tal-kejl rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-istrumenti tal-kejl iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 17 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' strumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn l-istrumenti tal-kejl għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' strumenti tal-kejl, li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' strumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 45a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti tal-kejl skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-istrumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 45c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 17, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew l-użu fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' strument tal-kejl speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmi fl-Artikolu 17 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur tal-istrument tal-kejl soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-istrument tal-kejl ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-istrument tal-kejl, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-istrument tal-kejl jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-istrument tal-kejl ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-istrument tal-kejl ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-istrument tal-kejl ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-istrument tal-kejl ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikoli 7 u 20, l-istrumenti tal-kejl, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE, u lanqas il-markatura supplimentari tal-metroloġija.

5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-istrumenti tal-kejl.

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq u/jew l-użu ta' strument tal-kejl f'konformità mal-paragrafu 1.

7. L-applikazzjoni tal-Artikoli 45a sa 45g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 45d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

Meta jew:

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq jew l-użu, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkunsidraw li l-istrumenti tal-kejl li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestriġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrument u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 45e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-istrumenti tal-kejl ikunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn l-istrumenti tal-kejl biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) it-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrument u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). Dawn għandhom jibqgħu japplikaw għall-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14, l-istrumenti tal-kejl li jkunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu preżunti f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrumenti koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti tal-kejl koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti tal-kejl f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 45f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi speċifiċi tal-istrument għall-istrumenti tal-kejl, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti tal-kejl koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti tal-kejl f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 45g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-istrumenti tal-kejl, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal strumenti tal-kejl, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 10

Emendi għad-Direttiva 2014/33/UE

Fid-Direttiva 2014/33/UE, jiddaħħal il-Kapitolu Va li ġej:

"KAPITOLU Va
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 41a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41 g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att

ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta’ din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41g japplikaw esklużivament għal-liftijiet u l-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta’ implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41g japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku.

Madankollu, l-Artikolu 41c(3), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 41c(6) għandhom japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta’ segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq f’konformità mal-Artikoli 41c sa 41f. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

Artikolu 41b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal-liftijiet u għall-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità, f’konformità mal-Artikoli 15 u 16 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta’ korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta’ prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta’ dawn il-liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta’ prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta’ liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta’ liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta’ emerġenza skont l-Artikolu 41a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet għal-liftijiet u l-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 41c

Deroga mill-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità minn parti li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta’ korp notifikat

1. B’deroga mill-Artikolu 15, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista’ tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, it-tqegħid għad-dispożizzjoni jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta’ komponent ta’ sikurezza speċifiku għal-liftijiet li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta’ korp notifikat imsemmi f’dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. B’deroga mill-Artikolu 16, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista’ tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta’ lift speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità ta’ parti terza li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta’ korp notifikat imsemmi f’dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

3. Il-manifattur ta’ lift jew ta’ komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet soġġett għall-proċeduri ta’ awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 jew 2 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-lift jew il-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet kkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta’ valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-lift jew il-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 1 jew 2, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafi 1 jew 2 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-lift jew il-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet jistgħu jiġu introdotti fis-suq, isiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b’suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli ta’ din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-lift jew tal-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-lift jew tal-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-lift jew tal-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-lift jew il-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati jinġiebu lura f’konformità mar-rekwiżiti kollha ta’ din id-Direttiva.

5. B’deroga mill-Artikolu 41a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista’ temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija

fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

6. B'deroga mill-Artikoli 3 u 19, il-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandhomx ikollhom il-markatura CE.

7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

8. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid għad-dispożizzjoni jew it-tqegħid fis-servizz rispettivament ta' lift jew ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet f'konformità mal-paragrafi 1 jew 2.

9. L-applikazzjoni tal-Artikoli 41a sa 41g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 15 jew 16 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 41d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet ta' introduzzjoni fis-suq, ta' tqegħid għad-dispożizzjoni jew ta' tqegħid fis-servizz, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkunsidraw li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza tal-liftijiet li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 41e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3). Għandhom japplikaw għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14, il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu preżunti f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 41a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 41f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, li ġew dežinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 42(3) u għandhom japplikaw għal-liftijiet u għall-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku tibqa’ attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta’ esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta’ dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni.

3. B’deroga mill-Artikolu 41a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-liftijiet u l-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-liftijiet u l-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet f’konformità ma’ dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma’ din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta’ att ta’ implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta’ Emerġenza tas-Suq Uniku f’konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 41g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta’ sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet ta’ sorveljanza tas-suq għal-liftijiet u għall-komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta’ esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal liftijiet jew għal komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.”

Artikolu 11

Emendi għad-Direttiva 2014/34/UE

Fid-Direttiva 2014/34/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

“KAPITOLU 5a
PROĊEDURI TA’ EMERĠENZA

Artikolu 38a

Applikazzjoni ta’ proċeduri ta’ emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g ta’ din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta’ din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw esklużivament għall-prodotti, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

Madankollu, l-Artikolu 38c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 38c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-prodotti introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 38c sa 38f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).

Artikolu 38b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 13 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn il-prodotti ta' tagħmir iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti, li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 38a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 38c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 13, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' prodott speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmija

f’dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur ta’ prodott soġġett għall-proċedura ta’ awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-prodott ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta’ valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-prodott, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-prodott jista’ jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b’suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali applikabbli ta’ din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-prodott ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-prodott ikkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-prodott ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-prodott ikkonċernat jinġieb lura f’konformità mar-rekwiżiti kollha ta’ din id-Direttiva.

4. B’deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista’ temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta’ Emerġenza.

5. B’deroga mill-Artikoli 5 u 16, il-prodotti, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f’konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f’din id-Direttiva fir-rigward ta’ dawn il-prodotti.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b’kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta’ prodott f’konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 38a sa 38g u l-użu tal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 38d

Preżunzjoni ta’ konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet ta' introduzzjoni fis-suq jew ta' tqegħid fis-servizz, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkunsidraw li l-prodotti li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestriġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 38e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta l-prodotti, jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn il-prodotti biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestriġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Għandhom japplikaw għall-prodotti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, il-prodotti li jkunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom

ikunu preżunti f'konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-prodotti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-prodotti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 38f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II għall-prodotti, li ġew dežinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Għandhom japplikaw għall-prodotti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-prodotti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-prodotti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 38g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal prodotti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 12
Emendi għad-Direttiva 2014/35/UE

Fid-Direttiva 2014/35/UE, jiddaħħal l-Artikolu 4 a li ġej:

"KAPITOLU 4 a
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 22a
Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b sa 22c u 22d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b, 22c u 22d japplikaw esklużivament għal tagħmir elettriku, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b, 22c u 22d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-tagħmir elettriku introdott fis-suq f'konformità mal-Artikoli 22b sa 22c. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

Artikolu 22b
Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta t-tagħmir elettriku, jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dan it-tagħmir elettriku biex jiġu koperti l-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 stabbiliti fl-Anness I f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru l-objettivi ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li

jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru l-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2). Għandhom japplikaw għat-tagħmir elettriku introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-gvernanza settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 12, 13 u 14, it-tagħmir elettriku li jkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun preżunt f'konformità mal-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 22a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir elettriku kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir elettriku f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq, għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox l-objettivi ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 22c

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru l-objettivi ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I għat-tagħmir elettriku, li ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2). Għandhom japplikaw għat-tagħmir elettriku introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B’deroga mill-Artikolu 22a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir elettriku kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir elettriku f’konformità ma’ dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq, għandu jitqies konformi ma’ din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta’ att ta’ implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta’ Emerġenza tas-Suq Uniku f’konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 22d

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta’ sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għat-tagħmir elettriku ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta’ esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir elettriku, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.”

Artikolu 13

Emendi għad-Direttiva 2014/53/UE

Fid-Direttiva 2014/53/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

“KAPITOLU Va
PROĊEDURI TA’ EMERĠENZA

Artikolu 43a

Applikazzjoni ta’ proċeduri ta’ emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta’ din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw esklużivament għat-tagħmir tar-radju, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta’ implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku.

   Madankollu, l-Artikolu 43c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 43c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta’ segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq f’konformità mal-Artikoli 43c sa 43f.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3).

Artikolu 43b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir tar-radju rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għat-tagħmir tar-radju kollu ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 17 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dan it-tagħmir tar-radju għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir tar-radju, li ma jkunx ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 43a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir tar-radju skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru.

Artikolu 43c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 17, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' tagħmir tar-radju speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmija f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur tat-tagħmir tar-radju soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li t-tagħmir tar-radju kkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifattur, l-importatur u d-distributur għandhom ukoll idaħħlu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw li t-tagħmir tar-radju, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom it-tagħmir tar-radju jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tat-tagħmir tar-radju kkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tat-tagħmir tar-radju kkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-tagħmir tar-radju kkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li t-tagħmir tar-radju kkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikoli 9 u 20, it-tagħmir tar-radju, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollu l-markatura CE.

5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan it-tagħmir tar-radju.

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq tat-tagħmir tar-radju f'konformità mal-paragrafu 1.

7. L-applikazzjoni tal-Artikoli 43a sa 43g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 43d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu li l-isplussivi li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

it-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament

(UE) Nru 025/2012. *Artikolu 43e*

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta t-tagħmir tar-radju jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dan it-tagħmir tar-radju biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan l-Artikolu u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3). Għandhom japplikaw għat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16, it-tagħmir tar-radju li jkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun preżunt f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir tar-radju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir tar-radju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Artikolu 3, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 43f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni

obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 għat-tagħmir tar-radju, li ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3) u għandhom japplikaw għat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir tar-radju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir tar-radju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 43g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għat-tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir tar-radju, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 15

Emendi għad-Direttiva 2014/68/UE

Fid-Direttiva 2014/68/UE, jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"**KAPITOLU 5a**
PROĊEDURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 43a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza,

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw esklużivament għall-apparat ta' pressjoni u għall-assemblaġġi, li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku.

Madankollu, l-Artikolu 43c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 17c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni u tal-assemblaġġi introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 43c sa 43f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3).

Artikolu 43b

Prijoritizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat ta' pressjoni u tal-assemblaġġi rilevanti għall-kriżi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, li jirrikjedu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, f'konformità mal-Artikolu 14.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità.

3. L-applikazzjonijiet pendenti kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dan l-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġi f'konformità mal-Artikolu 14 għandhom jiġu pproċessati bħala kwistjoni ta' prijorità, qabel kwalunkwe applikazzjoni oħra għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni jew assemblaġġi, li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. Dan ir-rekwiżit japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, irrispettivament minn jekk ikunux ġew ippreżentati qabel jew wara l-attivazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza skont l-Artikolu 43a.

4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat ta' pressjoni u ta' assemblaġġi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

5. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom.

Artikolu 43c

Deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat

1. B'deroga mill-Artikolu 14, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' apparat ta' pressjoni jew ta' assemblaġġ speċifiku ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-

proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija f'dak l-Artikolu ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha.

2. Il-manifattur ta' apparat ta' pressjoni jew assemblaġġ soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġ ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kollha indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ jistgħu jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz, fosthom:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva;

(b) rekwiżiti speċifiċi dwar it-traċċabbiltà tal-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġ ikkonċernat;

(c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku;

(d) kwalunkwe rekwiżit speċifiku dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-valutazzjoni kontinwa tal-konformità fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni kkonċernat;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ ikkonċernat mal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ ikkonċernat jinġieb lura f'konformità mar-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità tas-Suq Uniku ta' Emerġenza.

5. B'deroga mill-Artikoli 5 u 19, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti skont din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġi.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' apparat ta' pressjoni jew ta' assemblaġġ f'konformità mal-paragrafu 1.

8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 43a sa 43g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-

proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 43d

Preżunzjoni ta' konformità bbażata fuq standards nazzjonali u internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu li l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġi li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tiġi ppubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament SMEI] jirrestriġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 43e

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità

1. Meta apparat ta' pressjoni u assemblaġġi jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għal dan l-apparat ta' pressjoni u assemblaġġi li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma tkunx ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq Uniku, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku jirrestriġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġi li jkunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu preżunti f'konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk xieraq, temenda jew tirtira l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Artikolu 43f

Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji

1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II għall-apparat ta' pressjoni u assemblaġġi, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-*[Regolament SMEI]*.

Artikolu 43g

Prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u assistenza reċiproka fost l-awtoritajiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq Uniku, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi."

Artikolu 15

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data – 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [...[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data – 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 17

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*